

Brussell, 31 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

11047/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0245 (NLE)

ECOFIN 774
CADREFIN 390
UEM 236
FIN 637

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija taċ-Ċekja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) per capita taċ-Ċekja kien ta' 68 % tal-medja tal-Unjoni. Skont il-previżjoni interim tal-Kummissjoni tas-sajf tal-2021, il-PDG reali taċ-Ċekja naqas b' 5,6 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos b' 1,9 % b' mod kumulattiv fl-2020 u fl-2021. Aspetti fit-tul b' impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu ż-żamma tat-tkabbir tal-produttività, li tirrekjedi riformi strutturali sostnuti fl-edukazzjoni, l-ekosistema tal-innovazzjoni u l-governanza, u investiment immirat fl-infrastruttura u fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż). Iċ-Ċekja għadha mhijiex ippreparata biżżejjed għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-bidliet teknoloġiċi, bħall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni, x'aktarx li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija taċ-Ċekja, minħabba l-esponiment tas-settur kbir tal-manifattura tagħha, inkluża l-produzzjoni awtomobilistika. Barra minn hekk, is-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa joħolqu riskji fit-tul għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u l-ekonomija.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet liċ-Ċekja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li ċ-Ċekja tiegħu miżuri: biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku filwaqt li tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà fiskali fit-tul u jissaħħa l-investment; biex tiżgura r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa; biex issaħħa id-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-saħħa, il-kura primarja u l-integrazzjoni tal-kura, u l-iskjerament ta' servizzi tas-saħħa elettronika; biex tappoġġa l-impjegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-provvista ta' hili, inkluż il-ħiliet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali; biex tappoġġa lil intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs, *small and medium-sized enterprises*) billi tagħmel użu akbar ta' strumenti finanzjarji biex jiġi żgurat appoġġ ta' likwidità, tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-gvern elettroniku; biex mill-bidu tiffinanzja fil-bidu tal-perjodu tagħhom proġetti maturi ta' investment pubbliku u tippromwovi l-investment privat biex jiġu mbuttati 'il quddiem l-irkupru ekonomiku; biex tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja, produzzjoni u użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u infrastruttura tat-trasport sostenibbli, inkluż fir-reġjuni tal-faħam; biex jitneħħew l-ostakoli li jtellfu l-iżvilupp ta' ekosistema ta' innovazzjoni li tkun għal kollox funzjonanti; u biex tiżgura l-aċċess għal finanzjament għal ditti innovattivi u ttejjeb il-koperazzjoni pubblika-privata fir-R&Ż. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-mument tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ('RRP', *recovery and resilience plan*), il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġjat l-irkupru li jsegwi.

- (3) Fl-1 ta' Ġunju 2021, iċ-Ċekja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Dik il-preżentazzjoni saret wara proċess ta' konsultazzjoni, li sar f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, li involva l-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjeda nazzjonali tal-RRPs tirded l-implimentazzjoni b'suċċess u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali, u l-kredibbiltà tagħhom fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida għall-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.
- (4) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti mir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) u tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Jenħtieġ li dawn jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

- (5) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investiment fl-Unjoni kollha. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u li jinvolvu diversi pajjiżi, tali riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b' mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru

- (6) F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b' mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b' mod xieraq għas-sitt pilastru kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-isfidi speċifiċi ffaċċati minn, u l-allokazzjoni finanzjarja għal, l-Istat Membru kkonċernat.

- (7) L-RRP Ċek jipprevedi rispons komprensiv u bbilanċjat għall-kriżi tal-COVID-19. L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastru kollha msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-RRP jagħmel referenzi espliċiti għas-sitt pilastru u kif qed jiġu indirizzati mill-miżuri, u jinkludi komponenti li jikkontribwixxu għal pilastru wieħed jew aktar. L-RRP jikkonsisti f'ġabra ta' riformi u investimenti li jiffukaw fuq oqsma ewlenin bħad-diġitalizzazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika, l-edukazzjoni, l-aċċess għall-finanzjament, il-kultura, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kura tas-saħħa.
- (8) L-RRP jipprevedi miżuri li jħarsu 'l quddiem li jiffaċilitaw it-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija Ċeka. Tali miżuri jinkludu l-espansjoni tas-servizzi tal-gvern elettroniku u tas-saħħa elettronika, investimenti fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja tal-pajjiż, l-espansjoni ta' netwerks tal-5G b'kapaċità għolja ħafna, l-innovazzjoni diġitali u l-ħiliet diġitali, u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija. L-RRP għandu l-għan li jżid is-sehem ta' modi sostenibbli ta' trasport, li jżid l-iffrankar tal-enerġija u li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jikkontribwixxi għall-oġettivi ta' mitigazzjoni u adattament għall-klima, għall-preservazzjoni u r-restawr tan-natura u għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari. Il-miżuri jindirizzaw l-isfidi soċjoekonomiċi speċifiċi ta' Ċekja, permezz tal-appoġġ għal ekosistema tal-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-edukazzjoni, filwaqt li jqisu d-disparitajiet soċjali.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rispettivi

- (9) F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi rispettivi u li huma indirizzati liċ-Ċekja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (10) L-RRP jinkludi ġabra ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati liċ-Ċekja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-oqsma tas-saħħa, il-ħiliet u l-edukazzjoni, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, it-trasport, l-appoġġ lin-negozji u r-riċerka u l-innovazzjoni. L-RRP huwa ta' kontribut għall-isfidi strutturali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż peress li jinkludi għadd ta' riformi u investimenti li huma mistennija jixprunaw titjib ġenwin għall-ekonomija u s-soċjetà Ċeka. Huwa jiffoka b'mod qawwi fuq l-investimenti fl-oqsma msemmija hawn fuq b'mod partikolari fl-enerġija, l-infrastruttura diġitali u t-trasport sostenibbli. Fil-qasam tal-enerġija, iċ-Ċekja qed tippjana li timmodernizza n-netwerks ta' distribuzzjoni tat-tiħin distrettwali, iżżid is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, ittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali u pubbliku u tissostitwixxi l-bojlers li jaħdmu bil-faħam għall-unitajiet domestiċi. Il-proġetti tal-infrastruttura diġitali u tat-trasport jiffukaw fuq netwerks diġitali u ferrovjarji ta' kapaċità għolja ħafna, li huma mistennija jibnu pedamenti moderni u ekoloġiċi għat-tkabbir tal-produttività fil-ġejjieni.

- (11) Linvestimenti inklużi fl-RRP se jkunu appoġġati minn riforma fil-proċedura għall-għoti ta' permessi għall-bini, inkluż id-diġitalizzazzjoni tal-proċess, li jnaqqas b'mod sinifikanti t-tul tiegħu. Miżuri permezz tal-gvern elettroniku u kontra l-korruzzjoni huma mistennija jtejbu b'mod ulterjuri l-ambjent tan-negozju. Il-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività tal-ekonomija Ċeka jenħteġ li jiġu appoġġati wkoll mill-investment fir-riċerka u l-iżvilupp, li jenħteġ li jkollu fil-mira l-kooperazzjoni pubblika-privata, l-aċċess għall-finanzi u l-appoġġ mhux finanzjarju għal ditti innovattivi, b'mod partikolari l-SMEs, it-titjib fl-ekosistema tal-innovazzjoni, u li jenħteġ jiffoka wkoll fuq oqsma industrijali, ambjentali, tat-trasport, kulturali, diġitali u tal-kura tas-saħħa. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill marbuta mas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-edukazzjoni mistennija li jiġu indirizzati permezz ta' skemi ta' rikwalifikazzjoni, opportunitajiet ta' taġġim tul il-ħajja bbażati fuq il-kumpaniji, faċilitajiet ġodda ta' kura tat-tfal, ħiliet diġitali għall-għalliema, kurrikulu aġġornat li jrawwem il-ħiliet u l-għarfien diġitali, u taġġim tal-IT għall-iskejjel, kif ukoll miżuri li jiffukaw fuq l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-kura tas-saħħa huma mistennija li jiġu indirizzati permezz ta' prevenzjoni u kura ta' riabilitazzjoni msaħħa tal-kanċer, l-iżvilupp ta' portal tas-saħħa elettronika li jrawwem prattiki ta' kura integrata u appoġġ għall-edukazzjoni fil-kura tas-saħħa. Aktar azzjonijiet komplementari jinkludu miżuri biex titjeb il-kura fit-tul.

- (12) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP ta' Ċekja, minkejja l-fatt li Ċekja ġeneralment wiegħbet b' mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-klawżola liberatorja ġenerali fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (13) Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi mhijiex indirizzata fl-RRP. Minħabba li t-twettiq ta' dak l-għan jirrikjedi terminu medju sa twil, jista' jiġi kkunsidrat inqas urġenti fis-sitwazzjoni ekonomika attwali mir-rakkomandazzjonijiet l-oħra. Madankollu, iċ-Ċekja hija mistennija tkompli tiffaċċja riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali tal-finanzi pubbliċi fit-tul, l-aktar minħabba l-kostijiet tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. It-titjib tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa għalhekk jibqa' sfida sinifikattiva li għandha tiġi indirizzata fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, hekk kif jindirizza r-rakkomandazzjonijiet, l-RRP jikkunsidra d-disparitajiet reġjonali sa ċertu punt biss.

Kontribut għall-potenzjal ta' tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali u għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

- (14) F'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali taċ-Ċekja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-zgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (15) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija ta' miżuri tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG taċ-Ċekja b' bejn 0,8 % u 1,2 % sal-2026, mhux inkluż l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali. L-RRP huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi fiċ-Ċekja. L-RRP jindirizza b'mod koerenti bosta dgħufijiet identifikati tal-ekonomija, b'mod partikolari l-esponiment tal-industrija għar-riskji ppreżentati mill-awtomatizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika, il-livelli baxxi tal-finanzjament fir-riċerka u l-iżvilupp għal ditti innovattivi fi stadju bikri, in-nuqqas ta' tlaqqiġh tal-ħiliet, il-livell baxx tal-parteciġazzjoni tan-nisa u ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet fis-suq tax-xoġhol u l-inefficijenzi fl-amministrazzjoni pubblika.

- (16) L-RRP jindirizza dawk id-dgħufijiet u l-vulnerabbiltajiet b' mod partikolari billi jidderieġi l-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju lill-SMEs, lill-intrapriżi kbar u lill-proġetti, li jippermettilhom jipparteċipaw fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-investment fit-trasport, miżuri li għandhom l-għan li jtejbju l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju u l-iffinanzjar tad-diġitalizzazzjoni u r-riċerka u l-innovazzjoni f' setturi strateġiċi f' konformità mal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-provvista ta' ffinanzjar fi stadju bikri lil kumpaniji ġodda. Il-miżuri li jindirizzaw l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol jinkludu r-reviżjoni tal-kurrikuli u l-azzjonijiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, filwaqt li l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa bi tfal żgħar fis-suq tax-xogħol hija indirizzata billi tiżdied il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola. L-RRP jipprevedi miżuri biex jitrawwem l-użu tas-servizzi tal-gvern elettroniku, jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-permessi u tiġi miġġielda l-korruzzjoni b'leġislazzjoni ġdida kontra l-korruzzjoni, li se tikkontribwixxi għat-titjib tal-ambjent tan-negozju għall-investituri privati.

- (17) L-RRP huwa ta' kontribut fl-indirizzar ta' diversi sfidi soċjali rilevanti għaċ-Ċekja u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-miżuri huma mistennija li jappoġġaw il-koeżjoni soċjali u jindirizzaw diversi sfidi f'dak il-qasam. Il-forniment ta' networks b'kapaċità għolja ħafna għaż-żoni rurali huwa mistenni li jtaffi d-distakk urban/rurali fl-aċċess għall-konnettività. Appoġġ imsaħħaħ għall-iskejjel b'shem ogħla ta' studenti bi sfond soċjoekonomiku dgħajef u l-provvista ta' tagħmir tal-IT għal tfal u studenti żvantaġġati għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-educazzjoni. Iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-educazzjoni ta' qabel l-iskola għandha ssaħħaħ l-opportunitajiet indaq u trawwem il-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Miżuri importanti oħra li jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tfal jinkludu riformi fil-kurrikulu għat-tiħiħ tal-kompetenzi diġitali tat-tfal tal-iskola u l-użu tar-riżorsi diġitali.
- (18) L-investiment fin-networks tat-trasport pubbliku u l-infrastruttura tal-konnettività diġitali huwa partikolarment rilevanti għal reġjuni strutturalment żvantaġġati u għal dawk bi dħul baxx f'żoni urbani. Il-miżuri mistennija wkoll li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tat-tiħiħ distrettwali u l-iffrankar tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, l-investimenti fis-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tiħiħ li jniġġsu li jaħdmu bil-faħam b'pompi tas-sħana u bojlers tal-bijomassa f'bini residenzjali ta' familji bi dħul baxx għandu għax inaqas il-faqar enerġetiku u jnaqqas il-kostijiet tal-investiment ekoloġiku. Il-ħtiġijiet soċjali ta' persuni vulnerabbli għandhom jiġu appoġġjati wkoll minn aċċess aktar faċli għal programmi ta' skrinjar tas-saħħa u minn kapaċitajiet akbar fil-kura soċjali u l-investiment fl-infrastruttura tal-kura soċjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (19) F'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “ma tagħmilx ħsara sinifikanti”). Iċ-Ċekja wettqet valutazzjoni dwar il-prinċipju “ma tagħmilx ħsara sinifikanti” tal-miżuri inklużi fl-RRP. L-impatt ambjentali potenzjalment dannuż tal-miżuri rilevanti kollha jenħtieġ li jiġi indirizzat permezz ta' assigurazzjonijiet xierqa, inklużi l-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu sodisfatti l-kriterji ambjentali applikabbli. Fejn meħtieġ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti oġġettivi intermedji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi evitata ħsara sinifikanti. Dan huwa l-każ għal miżuri li jappoġġjaw il-modernizzazzjoni tan-netwerks ta' distribuzzjoni tat-tisħin distrettwali, is-sostituzzjoni ta' bojlers li jaħdmu bil-faħam b'bojlers b'kondensazzjoni tal-gass u bojlers ibbażati fuq il-bijomassa f'bini residenzjali u pubbliku, u l-protezzjoni kontra l-għargħar.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (20) F'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 41,6 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-2030.
- (21) L-investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-modernizzazzjoni tan-netwerks ta' distribuzzjoni tat-tisħin distrettwali, is-sostituzzjoni ta' bojlers li jaħdmu bil-faħam u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali u pubbliku huma mistennija li jgħinu liċ-Ċekja tilħaq l-oġettivi tagħha ta' dekarbonizzazzjoni għall-2030 u li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. L-investimenti fil-gass u fil-bijomassa hija soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi u jenħtieġ li tkun iggwidata mill-kriterji ta' sostenibbiltà għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li ċ-Ċekja għandha tadotta. L-investimenti fit-trasport sostenibbli għandhom għax itejbu l-infrastruttura ferrovjarja u l-infrastruttura tal-mobbiltà nadifa, inkluża l-elettromobbiltà. Dan it-titjib huwa mistenni jagħti spinta lill-ekosistema kumplessiva tal-mobbiltà, li hija kruċjali għall-ekonomija Ċeka.

- (22) Ir-riformi u l-investimenti relatati mal-protezzjoni tan-natura u l-ġestjoni tal-ilma huma mistennija li sa ċertu punt jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja ċ-Ċekja fir-rigward tal-adattament għall-klima u l-protezzjoni tas-sorsi tal-ilma, in-natura u l-biodiversità.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (23) F'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (24) L-RRP jippreżenta miżuri ambizzjużi għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ċeka billi jieħu approċċ komprensiv, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-saff nazzjonali tal-ekosistema diġitali Ewropea. Il-miżuri proposti jgħaqqdu l-investiment f'netwerks ta' kapaċità għolja ħafna u tal-5G, proġetti ta' dimostrazzjoni teknoloġika, il-bini ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika, jgħinu lill-kumpaniji jisfruttaw l-opportunitajiet tal-innovazzjoni diġitali u jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien bl-għajjnuna ta' ċentri ta' innovazzjoni diġitali, ittestjar u esperimentazzjoni. Sabiex iwieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, l-RRP jippromwovi wkoll il-ħiliet diġitali permezz ta' programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kif ukoll riforma diġitali tal-edukazzjoni. Il-miżuri li jipprovdu lill-għalliema u lill-istudenti b'ħiliet diġitali huma kkombinati mal-provvista ta' taġmir u konnettività meħtieġa tal-IT lill-iskejjel u lill-istudenti, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali u soċjali.

- (25) Ir-riformi mistennija jiżguraw li l-bidliet tat-trasformazzjoni diġitali jibqgħu sostenibbli u effettivi. Taħt l-RRP Ċek, il-provvista ta' servizzi tal-gvern elettroniku u tas-saħħa elettronika għandhom jiġu estiżi, u dan huwa mistenni li jżid l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u jtejjeb l-ambjent tan-negozju. Il-bidliet fil-proċedura tal-permess tal-bini u d-diġitalizzazzjoni tagħha se jiġu implimentati biex iħaffu u jissimplifikaw il-proċessi rilevanti. Ir-riforma tal-kurrikuli fl-edukazzjoni primarja u sekondarja jenħtieġ li tappoġġa l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali tal-istudenti fiċ-Ċekja. L-RRP jintroduċi wkoll mudell ta' governanza mtejba biex jissorvelja t-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni diġitali b'mod effettiv. Għalhekk, l-RRP huwa mistenni li jindirizza l-aspetti ewlenin tat-trasformazzjoni diġitali u tal-ekosistema diġitali b'mod ġenerali, u b'dik it-tiġib tal-kompetittività tal-ekonomija Ċeka.

Impatt dejjiemi

- (26) F'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt fil-parti l-kbira dejjiemi fuq iċ-Ċekja (Klassifikazzjoni A).

- (27) L-RRP Ċek jippreżenta sett ta' riformi u investimenti b'enfasi fuq din tal-aħħar, li għandhom il-potenzjal li jkollhom impatt dejjiemi fuq iċ-Ċekja. L-RRP jintroduċi miżuri li għandhom l-għan li jwasslu għal bidliet strutturali fl-amministrazzjoni pubblika, it-trasport, l-iffrankar tal-enerġija u r-riżorsi tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi, il-ħiliet u l-educazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-aċċess għall-kura tas-saħħa u dik fit-tul. L-RRP jippreżenta aġenda ambizzjuża għad-diġitalizzazzjoni tan-negozju u għat-tiŝiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni, li għandha trawwem it-tkabbir sostenibbli u żżid il-kompetittività taċ-Ċekja.

- (28) L-investimenti mdaqqa huma mistennija li jġibu bidla dejjiema fl-ekonomija Ċeka. L-investment f' modi sostenibbli ta' trasport, bħall-ferroviji u fir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija tal-istokk tad-djar u tal-bini pubbliku, se jnaqqas it-tniġġis tal-arja, jgħin fit-tranżizzjoni ekoloġika u jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali. L-investimenti fi start-ups innovattivi, SMEs u intrapriżi kbar permezz ta' skemi ta' finanzjament varji, flimkien mat-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni u l-kooperazzjoni u l-investment bejn is-settur pubbliku u dak privat f'netwerks b'kapaċità kbira ħafna, għandhom għax irawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività tan-negozji Ċeki filwaqt li jikkontribwixxu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-investimenti ppjanati għat-tranżizzjoni diġitali tas-sistema ġudizzjarja taċ-Ċekja għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-effiċjenza u r-reżiljenza tagħha u jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja. Ir-riformi tal-kura tas-saħħa huma appoġġati minn investment fil-kura speċjalizzata, is-saħħa elettronika, programmi ta' skrinjar u kura komprensiva ta' riabilitazzjoni kif ukoll f'riċerka eċċellenti f'oqsma tal-kura tas-saħħa magħżula, li jistgħu jtejbu l-eżiti tas-saħħa. L-investimenti fl-edukazzjoni u l-kura soċjali jgħinu l-koeżjoni soċjali u jikkontribwixxu biex jittaffa l-impatt potenzjali tat-tendenzi u d-demografija tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Dawk l-investimenti huma ikkumplementati permezz ta' aktar investment fit-tnejjija tal-proġetti, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ metodoloġiku u analitiku fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali sabiex titrawwem tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġu massimizzati l-impatt u l-assorbiment ta' riżorsi addizzjonali inklużi fondi mill-Faċilità.
- (29) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruf fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (30) F'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP, sal-limitu li huma kumplimentati mill-miżuri addizzjonali f'din id-Deċiżjoni bħala objettivi intermedji, huma l-minimu (Klassifikazzjoni B) meħtieġ biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-objettivi intermedji u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (31) L-arranġament nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-RRP huwa stabbilit fir-riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 467 tal-17 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill ta' Ġestjoni tal-RRP nazzjonali huwa l-ogħla korp deċiżjonali u ta' approvazzjoni fiċ-Ċekja bir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ġenerali tal-RRP. Il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, bħala l-awtorità responsabbli għall-RRP u l-implimentazzjoni tiegħu, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-RRP u huwa l-punt ewlieni ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għandu jfassal talbiet għal pagamenti lill-Kummissjoni, ladarba s-sidien tal-komponenti jiddikjaraw li l-objettivi intermedji rispettivi jkunu twettqu u l-korp tal-awditjar fil-Ministeru tal-Finanzi jwettaq l-awditu tas-sistema, li jinkludi l-ittestjar sostantiv tal-objettivi intermedji u l-miri ddikjarati. Wara awditu reċenti fuq programmi oħra tal-Unjoni, il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ irċieva opinjoni kwalifikata tal-awditjar minħabba n-nuqqas ta' miżuri effettivi mmirati lejn il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' każijiet ta' kunflitti ta' interess. Għandhom jiġu stabbiliti objettivi intermedji ddedikati biex jiġi żgurat li dawn id-dgħufijiet ikunu ġew indirizzati qabel l-ewwel talba għall-pagament.

- (32) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew taħt strumenti oħrajn li huma speċifiċi għas-settur bħall-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont, bħala assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Determinazzjoni tal-kostijiet

- (33) F'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (34) Iċ-Ċekja pprovdiet stimi li jistrieġu fuq ġustifikazzjoni, evidenza u metodoloġija xierqa għall-maġġoranza tal-kostijiet imġarrba tal-miżuri inklużi fl-RRP. L-informazzjoni dwar il-kostijiet u d-dokumenti ta' sostenn ġew ipprovduti b'mod medju. F'ħafna każijiet, il-kostijiet tqabblu b'referenza għal proġetti tal-passat jew data tal-offerti ta' investimenti simili mwettqa fiċ-Ċekja jew fi Stati Membri oħra. Fejn dan ma kienx possibbli, l-istimi tal-kostijiet ġew ipprovduti l-aktar bl-użu ta' approċċi minn isfel għal fuq ibbażati fuq il-prezzijiet tas-suq tal-motivaturi l-kbar tal-kostijiet. Għal diversi miżuri iżgħar, spjegazzjonijiet dettaljati tal-istimi tal-ispejjeż jew dokumentazzjoni ta' sostenn kienu limitati. Skont din l-informazzjoni, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-raġonevolezza, il-plawżibbiltà u l-addizzjonalità ġenerali tal-istimi tal-kostijiet se jkunu indeboliti. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (35) F'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP, sa fejn huma kkumplimentati mill-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni b'ħala objettivi intermedji huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkorreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.)

(36) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP, kif ikkumplimentata mill-miżuri addizzjonali f' din id-Deċiżjoni b'ħala objettivi intermedji, hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti u tidentifika b'mod ċar l-atturi (korpi/entitajiet) u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweqqiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Is-sistema ta' kontroll interna tikkonsisti mil-livelli li ġejjin: (a) il-verifiki tal-ġestjoni mwettqa mis-sidien tal-komponenti u mill-korp ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ; u (b) awditi mwettqa mill-korp nazzjonali tal-awditjar ċentralizzat fil-Ministeru tal-Finanzi. Ikkunsidrata b'kolloxx, id-deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern u arranġamenti rilevanti oħra fl-RRP, inkluż għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' data dwar ir-riċevituri finali, hija aċċettabbli fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi, il-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt ir-Regolament (UE) 2021/241 u biex jiġi evitat finanzjament doppju taħt dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni.

(37) Ġew stabbiliti objettivi intermedji addizzjonali li jeħtieġu (a) rieżami tal-konformità tal-proċeduri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll intern tal-Faċilità tkun allinjata bis-sħiħ mad-definizzjoni ta' "sidien benefiċjarji" stabbilita fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹; (b) il-korp ta' koordinazzjoni joħroġ gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess taħt ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (ir-'Regolament Finanzjarju') u l-liġi nazzjonali applikabbli għas-sidien tal-komponenti u entitajiet oħra li jimplementaw riformi u investimenti taħt l-RRP, bl-intenzjoni li jissaħħu aktar il-miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-frodi u l-irregolaritajiet; (c) il-korp tal-awditjar biex jadotta strateġija tal-awditjar li tiżgura l-awditjar indipendenti u effettivi tal-implimentazzjoni tal-RRF; u (d) il-Kunsill ta' Ġestjoni tal-RRP nazzjonali biex japprova u jimplementa proċeduri għas-sistema biex tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata data b'rabta mar-riċevituri finali kollha, inklużi s-sidien benefiċjarji kollha kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849. Dawk l-objettivi intermedji għandhom jitwettqu kollha qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-ħlas lill-Kummissjoni.

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(38) Għalkemm id-deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern u arranġamenti oħra għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' kunflitti ta' interess hija aċċettabbli, b'kont meħud tan-nuqqasijiet serji fis-sistema Ċeka ta' ġestjoni u kontroll biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, kif ivverifikat minn awditu reċenti fuq programmi oħra tal-Unjoni, il-korp tal-awditjar għandu jwettaq awditu ddedikat dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern. Ir-rapport għandu jipprovdi opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern biex jiġu evitati kunflitti ta' interess fil-livell tal-RRP, b'mod partikolari dwar jekk: (a) il-ġbir, il-ħżin u l-ipproċessar tad-data fir-rigward tar-riċevituri finali kollha, inklużi s-sidien benefiċjarji kollha kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849, isirux b'mod korrett; (b) is-sistema ta' kontroll intern għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' kunflitti ta' interess tkunx f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju; u (c) il-proċeduri ta' kontroll nazzjonali biex jiġu evitati kunflitti ta' interess għas-sidien benefiċjarji kollha jkunux effettivi. F'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li ċ-Ċekja timplimenta dawk il-miżuri sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, billi tikkonferma l-implimentazzjoni tagħhom mal-ewwel talba għall-pagament. Ir-rapport għandu jiddeskrivi d-dgħufijiet u n-nuqqasijiet identifikati u l-azzjonijiet korrettivi meħuda.

- (39) Iċ-Ċekja indikat li qed tiġi diskussa sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni u r-rappurtar tal-obiettivi intermedji u l-miri sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni u rappurtar deskritti fl-RRP. Stadju importanti jenħtieġ li jiggarantixxi li għandha tiġi stabbilita sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Faċilità u li tkun operattiva sa meta ssir l-ewwel talba għall-ħlas. Is-sistema jenħtieġ li tkun tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) tiggarrantixxi l-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tat-twetliq tal-obiettivi intermedji u l-miri; u (b) tiġbor, taħżen u tiggarrantixxi aċċess għad-*data* meħtieġa mill-punti (i) sa (iii) tal-punt (d) tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 22(2) tiegħu.
- (40) Qafas robust kontra l-korruzzjoni huwa indispensabbli fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet bħall-frodi, il-korruzzjoni, jew il-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt it-Regolament (UE) 2021/241. Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, it-tiżiħ tal-qafas leġislativ għall-prevenzjoni aħjar tal-korruzzjoni huwa meħtieġ fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-RRP.

Koerenza tal-RRP

- (41) F'konformità mal-punt (k) tal-Artikolu 19(3) u l-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi, sa livell medju (Klassifikazzjoni B), miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (42) L-RRP Ċek jippreżenta pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b' mod reċiproku b' enfasi qawwija fuq l-investment. L-RRP huwa mibni fuq sitt prijoritajiet, jiġifieri t-trasformazzjoni diġitali, l-infrastruttura tat-trasport sostenibbli, l-educazzjoni u s-suq tax-xogħol, l-istituzzjonijiet u l-appoġġ għan-negozju, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u s-saħħa u r-reżiljenza tal-popolazzjoni. Dawn il-prijoritajiet huma implimentati permezz ta' 26 komponent. Is-sinerġiji huma preżenti f' għadd ta' komponenti. L-RRP jiżgura bilanċ ġenerali bejn ir-riformi u l-investimenti. Madankollu, għal xi komponenti, l-investment mhux akkumpanjat minn riformi rilevanti. Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti komplementarjetajiet sistematiċi mal-finanzjament taħt il-politika ta' koeżjoni hija evidenti u xi eżempji huma ppreżentati fil-komponenti. Il-linji ta' demarkazzjoni huma żviluppati biżżejjed iżda se jiddependu wkoll mill-finalizzazzjoni tal-programmi taħt il-ftehim ta' sħubija u taħt il-politika ta' koeżjoni.

Ugwaljanza

- (43) L-RRP Ċek fih sensiela ta' miżuri li jindirizzaw l-isfidi tal-pajjiż fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-RRP huwa mfassal b'mod li tizzied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal żgħar permezz ta' ħafna investment f'faċilitajiet ta' qabel l-iskola għal tfal taħt it-tliet snin. L-RRP jinkludi wkoll riforma leġiżlattiva biex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jiġu mmirati aħjar lejn il-gruppi l-aktar vulnerabbli. Il-parti tal-RRP li tindirizza l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni tinkludi appoġġ imsaħħa għall-iskejjel bi proporzjon għoli ta' tfal minn sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, taħriġ u mentoraġġ ta' għalliema li jittrattaw gruppi eteroġeni ta' studenti, u klassijiet addizzjonali għal tfal f'riskju ta' falliment minħabba l-lockdown fit-tul tal-iskejjel. L-RRP jipprevedi wkoll investment f'taġħmir diġitali għall-iskejjel biex jiġi żgurat aċċess għat-tagħlim għal tfal tal-iskola u studenti żvantaġġati. Madankollu, l-RRP ma jsemmix b'mod espliċitu kif il-miżuri huma mistennija jindirizzaw l-isfidi li qed tiffaċċja l-komunità Rom. Is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità huma indirizzati f'diversi partijiet tal-RRP, inkluż fir-rigward tal-kodiċi l-ġdid tal-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-aċċessibbiltà mtejba tagħhom, id-diġitalizzazzjoni, is-saħħa elettronika u l-kura soċjali. L-isfidi li jiffaċċjaw l-anzjani huma indirizzati wkoll, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-kwalità tal-kura fit-tul, tal-kura soċjali u tas-saħħa, u l-aċċessibbiltà għalihom. Huwa ppjanat investment speċifiku fl-effiċjenza enerġetika għal unitajiet domestiċi fi gruppi soċjali żvantaġġati.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (44) L-RRP jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għal investimenti fil-kapaċitajiet diġitali u l-konnettività f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-RRP jipprevedi investimenti fl-infrastruttura diġitali bħan-netwerks ta' kapaċità għolja u tal-5G, l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluża l-cloud, għall-gvern elettroniku, l-iżviluppi fiċ-ċibersigurtà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika.

Proġetti transfruntiera u għal diversi pajjiżi

- (45) L-RRP jipproponi diversi proġetti b'dimensjoni transfruntiera, l-aktar fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali. Huwa jappoġġa r-R&Ż fl-intrapriżi u l-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali biex tiġi stimulata t-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs, kif ukoll l-istabbiliment ta' faċilità Ewropea għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni. L-RRP jipprevedi diversi investimenti li jiffurmaw parti minn inizjattivi jew netwerks transfruntiera u li jinvolvu diversi pajjiżi, inkluż ċentru Ewropew għid ta' eċċellenza tal-IA (*artificial intelligence*), proġett importanti potenzjali ta' interess Ewropew komuni dwar il-mikroelektronika u l-konnettività b'enfasi partikolari fuq il-mikroproċessuri, il-ħolqien u l-bini tal-kapaċità tat-trasferiment tal-għarfien għat-teknoloġiji diġitali, u l-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi ta' Blockchain. L-RRP jappoġġa wkoll il-kostruzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika, il-parteċipazzjoni taċ-Ċekja fin-netwerks 5G u l-applikazzjoni tal-ekosistemi tal-5G fl-Istati Membri kollha.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (46) L-awtoritajiet Ċeki wettqu proċess ta' konsultazzjoni qabel il-preżentazzjoni tal-RRP, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, prinċipalment permezz ta' forum tripartitiku mar-rappreżentanti tas-sħab soċjali. L-RRP għadda wkoll minn konsultazzjoni interministerjali standard u dibattitu parlamentari. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (47) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP Ċek bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-oġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (48) Il-kost totali stmat tal-RRP taċ-Ċekja huwa ta' CZK 179 142 931 000, li huwa ekwivalenti għal EUR 7 035 697 549 abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE għall-konverżjoni bejn l-EUR u ċ-CZK tal-1 ta' Ġunju 2021. Billi l-RRP jikkonforma b'mod soddisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa aktar baxx mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għaċ-Ċekja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP taċ-Ċekja tkun ugwali għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP.
- (49) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għaċ-Ċekja irid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jsir disponibbli għaċ-Ċekja ammont li ma jeċċedix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ konsegwentement għall-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, jenħtieġ li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.

- (50) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mit-teħid b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. Jenħtieġ li l-appoġġ jitħallas bin-nifs ladarba ċ-Ċekja tkun wettqet b'mod sodisfaċenti l-oġġettivi intermedji rilevanti u l-miri identifikati relattivament għall-implimentazzjoni tal-RRP.
- (51) Iċ-Ċekja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Jenħtieġ li dak l-ammont isir disponibbli liċ-Ċekja soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità ma', il-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-“ftehim ta' finanzjament”).
- (52) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni taħt kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relattivi għal distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari taħt l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma tipprevalix fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP taċ-Ċekja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment taħt l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relattivi għat-twettiq tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Ċekja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 7 035 697 549. Ammont ta' EUR 3 537 379 398 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022¹. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għaċ-Ċekja li tkun daqs jew aktar minn EUR 7 035 697 549, ammont ieħor ta' EUR 3 498 318 151 għandu jsir disponibbli biex ikun legalment impenjat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għaċ-Ċekja li tkun anqas minn EUR 7 035 697 549, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 3 537 379 398 għandha ssir disponibbli biex tkun impenjata legalment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkolata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni li-Ċekja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 914 640 681 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità ma', il-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jiġi kwittat billi jitnaqqas proporzjonalment via-à-vis il-ħlas tal-pagamenti parzjali.
4. Ir-rilaxx ta' pagamenti parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li ċ-Ċekja tkun wettqet b'mod soddisfaċenti l-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, iċ-Ċekja għandha twettaq l-oġġettivi intermedji u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmijin fil-paragrafu 1

Artikolu 3
Destinatarja

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President
